**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Kionga Dimonika**

**Illum, 29 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kionga Dimonika**, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 592-3866326-8;

Akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn it-28 ta' Gunju 2016 u d-29 ta' Gunju 2016 gewwa dawn il-Gzejjer, ippartecipajt f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' ma Josefina Benita Bernardo minuri ta' 16 il-sena. (Art 204Ċ. (1) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)

B'ghemil zieni, kkorrompejt lill Josefina Benita Bernardo minuri ta' 16 il-sena.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu, u din l-ammissjoni giet debitament registrati fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda jinstab hati l-imputat u l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 203 (1) u 204C (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena u nofs habs

sospizi ghal tlett snin b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur